MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2006

Numru 220/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**

**v**

**NAZZARENO ZARB**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NAZZARENO ZARB** ta' disgha w ghoxrin sena bin Anthony u Theresa nee Gatt, imwieled Pieta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Awissu 1971 u joqghod 'St. Catherine Flats' Block A, Flat 6, Triq il-Munxar, M'Scala, detentur tal-karta tal-identita numru 375571M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn l-ahhar xhur f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita Kompetenti, ghamel kummerc ta' Istituzzjoni Finanzjarja f'Malta jew barra minn Malta minghajr licenzja mill-Awtorita Kompetenti u cioe sellef flus bl-imghax lil diversi persuni;

2. Talli kiser jew naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att XXII tal-1994 jew xjentement kien parti fl-ghemil jew ipprokura jew ghen jew hajjar l-ghemil ta' xi reat taht l-istess Att XXII tal-1994 dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji;

3. Talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittiv.

Rat id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tlettax ta' Frar 2001 esibit fl-atti a fol 18 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u l-Fiat tal-Avukat Generali ai termini tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 23 tal-Att XXII tal-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji esibit a fol 17 tal-atti odjerni.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tmintax ta' April 2001.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 3, 22(1), 23(2) tal-Kap 376 u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Ispettur Joseph Cordina, lil Paul Vella, lil Raymond Vella, lil Jacqueline Rapinett, lil Anthony Zampa, lil Eleno Cassar, lil Charmaine Cassar, lil Dominic Cuschieri u lil PC 330 Emanuel Schembri.

Semghet lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju u lix-xhieda tad-difiza.
Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tmienja ta’ Mejju 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnax ta' Novembru 2001 **xehed l-Ispettur Joseph Cordina** [fol 27] fejn qal li hu kien avvicinat minn certu Raymond Vella li qallu li l-imputat kien qed jigri warajh peress li kien issellef xi flus minn ghandu u ma hallsux. Spjiega li skond Raymond Vella, hu kien issellef mitejn lira maltin minn ghand l-imputat, hallsu lura erbgha mitt lira maltin u ried aktar flus minn ghandu. Xehed li sussegwentement waqt l-investigazzjoni huwa kellem wkoll lil certu Tonio Zampa u lil Jacqueline Rapinett, li kkonfermawlu li verament kienu ssellfu xi flus minn ghand l-imputat.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Novembru 2004 **xehed in kontr’ezami l-Ispettur Joseph Cordina** [fol 143] fejn qal li skond ma qallu l-imputat, x-xoghol tieghu kien li jbiegh l-karozzi. Qallu li in konnessjoni ma dak x-xoghol kien johrog kambjali u ricevuti. Mill-investigazzjonijiet irrizultalu wkoll li l-imputat xi zmien kien xtara xi djun ta’ haddiehor. Zied jghid li Pierre Cremona qatt ma gie nvestigat minnu in konnessjoni fuq reati simili u fil-fatt sa dakinhar lanqas kien jaf minn hu dan Pierre Cremona. Qal li rrizulta wkoll li kien hemm xi nies bhal Martin Farrugiua u Dominic Cuschieri li kienu ssellfu flus minghand l-imputat waqt li huwa kien l-habs bhalhom. Martin Farrugia kien qallu li ssellef erbgha mitt lira minghand l-imputat, u peress li kuntratti l-habs ma jsirux, kellu jhallas hmistax il-lira fil-gimgha ghal sena shiha li jammontaw ghal tmien mitt lira maltin. Qal li waqt li kien qed jinvestiga lil imputat kien ircieva telefonata quddiemu pero minghand minn ma kienx jaf. Qal li lil din il-persuna li kienet cemplitlu, l-imputat kien wiegbu li hu ma jsellifx flus. Qal li ma kienx f’posizzjoni jghid jekk l-imputat kienx qed jikkomunika maghhom direttament, kull ma setgha jghid kien li n-nies kienu jcemplu biex jissellfu minghandu. Ma rrizultalux li l-imputat kien jaghti xi flus jew xi donazzjonijiet lil terzi. Lanqas ma rrizultalu li l-imputat ta xi flejjes lil xi nies li ma

kienux jhallsuh lura u b’hekk jitqiesu li huma donazzjonijiet.

Kompla jghid li Ronald Mifsud huwa persuna maghrufa li ghandu jaghti lil nofs Malta u hafna minn dawn il-flejjes li hu ghandu jaghti huma kollha konnessi mal-uzura tant li meta gie nvestigat minnu u minn spetturi ohra dwar reati li hu ghamel, hu gie mressaq kemm il-darba l-Qorti. Qal li kull ma rrizultalu kien li l-imputat wkoll sellef flus lil Ronald Mifsud wkoll.

Illi nhar d-dsatax ta' Frar 2002, **xehed Raymond Vella** [fol 44] fejn spjiega kif kien qed jibza mill-imputat. Huwa spjiega li issellef mitejn lira minn ghandu u tah lura s-somma ta' tlett mitt lira maltin, liema somma huwa hallsu f'pagamenti mensili ta' hamsin lira mic-cekk tal-Ghajnuna Socjali li kien jircievi minn ghand il-Gvern.

Illi nhar d-dsatax ta' Frar 2002 **xehdet Jacqueline Rapinett** [fol 58] fejn ikkonfermat li hi kienet issellfet s-somma ta' sitt mitt lira maltin minn ghand l-imputat u li kellha thallsu 50% bhala imghax. Hija qalet li kienet tircievi l-Ghajnuna Socjali fl-ammont ta' mija erbgha w ghoxrin lira maltin fix-xahar u kienet thallsu minn dan l-ammont li kienet tircievi. Qalet wkoll li kitba dwar dan is-self hi ma kellhiex.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2002 **xehed Anthony Zampa** [fol 70] fejn qal li l-imputat kien jheddu fuq self ta' flus li kien ghamel minn ghand certu Ronald Mifsud u bla ma kien jaf kif, spicca garanti ghal dan Ronald Mifsud u l-imputat beda jigri warajh ghal flus. Anthony Zampa fil-fatt kien gabar l-flus minn ghand Ronald Mifsud. Ronald Mifsud waqaf jaghmel pagamenti u l-imputat baqa jhedded u jinsisti mieghu li kellu jhallsu ghan-nom ta' Ronald Mifsud. Qal li l-flus li kien ta lil imputat ma kienux ser jigu mnaqqsa mis-somma u li s-somma kienet ser tibqa ntatta u dovuta kollha jekk ma tithallsx f'daqqa, skond ma qallu l-istess imputat.

Illi nhar l-wiehed u tletin ta’ Ottubru 2005 **rega’ xehed Anthony Zampa** [fol 168] fejn ghamel referenza ghax-

xhieda precedenti tieghu, fejn kien gie mistoqsi minn fejn kien jaf li l-imputat kien isellef xi flus lil xi nies, mistoqsi jekk jafx x'kundizzjonijiet kien s-self, wiegeb li ma kienx jaf, kien jaf biss li kien isellef. Qal li hu kull ma ghamel kien li ghadda l-flus ta' Ronald Mifsud lil imputat. Qal li hu qatt ma qal li l-Bona kien selfu elf lira, ghaliex effettivament l-Bona qatt ma selfu flus.

Mistoqsi x'karti kien hemm u li hu kien ghamel referenza ghalihom fix-xhieda precedenti tieghu, x-xhud wiegeb li l-karta li hemm imsemmija a fol 75 tal-atti, mhux kambjala kif gie suggerit mill-avukat difensur tal-imputat. Qal li dak kien self u hu kien iffirma sabiex inkun xhud tas-self li kien hemm. Kambjali qal li ra diversi drabi f'hajtu w ikkonferma li dik ma kienetx kambjala. Qal li Ronald Mifsud xtaq jissellef xi flus minghand l-imputat u kif fehem hu, l-imputat ikkuntattja lil Bona li mar fuq il-post biex isellef l-flus lil Ronald Mifsud. Qal li hu ma setghax jikkonferma li l-Bona ta xi flus lil imputat pero setgha jghid li minn dak li ra, l-Bona gab l-flus lil imputat u l-imputat ghaddihom lil Ronald Mifsud. Qal li l-ftehim li kien hemm bejn l-Bona u l-imputat, huwa ma kienx jaf x'inhu. Qal li l-Bona kien mar dak l-hin li kien qed isir n-negozju bejn l-imputat u Ronald Mifsud. Qal li hu ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma dak li ssuggerixxa l-avukat difensur li l-imputat kien intermedjarju. Qal li Ronald Mifsud, lilu kien qallu diskors mill-inqas u kull ma kien jaf kien li kien ser jissellef xi flus u hu kellu jiffirma bhala xhud tas-self. Qal li hu fl-ebda hin ma kien tkellem mal-Bona u qatt ma kien ghamel negozju mieghu.

Illi nhar s-sebgha ta' Mejju 2002 **xehed Eleno Cassar** [fol 81] fejn qal li originarjament hu kellu jaghti s-somma ta' sitt mija u tletin lira maltin lil certu Pierre Cremona minn Rahal Gdid fuq self li kien ghamel izda wara certu zmien l-imputat gie surrogat fid-drittijiet ta' dan Pierre Cremona u huwa kellu jkompli jhallsu l-pagamenti rimanenti. Gara pero li l-imputat tellghalu l-ammont ghal hmistax il-mija u dan f'perjodu ta' xahrejn. Wara, l-ammont dovut fil-fehma tal-imputat, kien spicca ghal sitt elef lira maltin meta effettivament kien issellef biss elf u sitt mitt lira maltin. Mistoqsi kemm kien hallsu lura, Eleno Cassar wiegeb li

tah disgha mitt lira cash u kien irrangalu sitt karozzi fis-sens li ghamel xoghol ta' *panel beating* fuq vetturi migjuba mill-imputat u ma thallasx ghax-xoghol li kien ghamel fuqhom.
Illi nhar s-sebgha ta' Mejju 2002 **xehdet Charmaine Cassar [**fol 90] fejn qalet li zewgha kien issellef xi flus minn ghand l-imputat u l-imputat kien jheddu u jkellmu hazin ghaliex ried l-flus f'daqqa fis-somma ta' sitt elef lira maltin meta effettivament zewgha kien issellef hafna inqas.

Illi nhar t-tlieta ta' Mejju 2004 **xehed Dominic Cuschieri** [fol 130] fejn qal li lil imputat kien jafu peress li gieli ssellef xi flus minghandu, pero ftehim fuq imghaxijiet qatt ma kien hemm. Qal li hu ssellef diversi drabi minghand l-imputat, gieli mija u gieli hamsin lira. Qal li hu minnu li xi sentejn qabel hu kien residenti l-Facilita Korrettiva ta' Kordin u l-Ispettur Joseph Cordina kien mar ikellmu hemmhekk u dakinhar kien qal lil Ispettur li kien issellef flus minghand certu Zarb. Qal li huwa minnu li hu kien qal lil Ispettur li kien hallas l-imghax pero l-imghax kien dak normali, u cioe li jissellef ghaxar liri u jaghtih hames liri imghax.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2004 **xehed Dottor Chris Cardona** [fol 136] fejn qal li lil imputat u lil Eleno Cassar kien jafhom. Qal li Eleno Cassar kien klijent tieghu u kien ghamel kuntatt mieghu dwar self ta' flus xi tlieta jew erbgha snin qabel. Mistoqsi jekk kellux kopja ta'xi skrittura li ghamlu bejniethom, x-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li kien mar Eleno Cassar ghandu u mieghu kien hemm l-imputat li ma kienx jafu qabel, u Eleno Cassar kien qallu li kien ser jissellef xi flus minghand l-imputat peress li kellu problemi finanzjarji. Mistoqsi kemm kien issellef, x-xhud wiegeb li ma jiftakarx, u kull ma ftakar kien li kien hemm ftehim li kellhom isiru xi pagamenti mensili.

Qal li Eleno Cassar kien imur ghandu regolarment u jhallilu xi envelopp u kien l-imputat li wara kien imur jigbru minghandu. Mistoqsi jekk kienx hemm xi arrangament dwar imghaxijiet x-xhud wiegeb li ma jiftakarx li kien hemm. Qal li jekk mhux sejjer zball s-somma kienet

wahda komplessiva. Zied jghid li flus minghand l-imputat ghal ghand Eleno Cassar m'ghaddewx quddiemu u li hu kien ghamel l-ftehim dwar dak li gie relatat lilu.
Illi nhar l-ghoxrin ta' Marzu 2006 xehed **l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 177] fejn qal li hu kellu jigbor flus minghand diversi persuni fuq bejgh ta' karozzi u affarijiet ohra peress li hu negozjant. Qal li fejn fl-istqarrija tieghu qal li jsellef l-flus lin-nies bl-imghax ta' 8%, ried ifisser li hu gieli biegh karozzi u ma thallsx bil-quddiem u thallas wara u b'hekk gie qisu qed jaghtihom l-flus. Qal li fejn qal li hu jaghtihom kambjali biex jiffirmaw, ried jfisser li jkun bieghlhom il-karozza u ried li jiffirmaw l-kambjali. Qal li meta fl-istqarrija qal li kien hemm xi hamsa w tletin ohra li ma hallsuhx, ried ifisser li kien joqghod jigri warajhom biex jigbor flusu. Zied jghid li hu kien xtara xi djun minghand xi nies. Qal li Eleno Cassar kellu jaghtih xi flus bhala *commission*. Qal li dawk l-persuni li xehdu f'dawn il-proceduri huma kollha nies li ma riedux jhallsuh. Qal li kien minnu li l-Bona sellef flus lil Ronald Mifsud. Qal li kien sellifhom lil Anthony Zampa. Qal li hu kellu jiehu xi flus minghand Ronald Mifsud u b'hekk d-dejn dar minn fuqu ghal fuq Anthony Zampa. Qal li Jacqueline Rapinett qatt ma kellha taghtih. Qal li huwa minnu dak li qal Dominic Cuschieri li ssellef flus bla imghax, ma tistax taghmel xoghol ta' self bi qliegh. Zied jghid li l-imghaxijiet li kien jiehu effettivament kienu jigu offerti lilu minn nies u mhux kien jitlobhom hu, pero meta kien ibiegh karozza, kien hemm okkazzjonijiet li ha imghax ta' 8%.

L-imputat ikkonferma l-istqarrija li hu rrilaxxja nhar t-tlettax ta' Jannar 2001 [fol 19]. Zied jghid anzi li mhux dik l-istqarrija jikkonferma, izda dak kollu li qal l-Qorti. Mistoqsi mill-Qorti liema kienet il-verita u cioe jekk dak li hemm fl-istqarrija jew dak li kien ghadu kemm xehed l-Qorti viva voce, l-imputat wiegeb li jikkonferma dak li kien ghadu kemm xehed viva voce l-Qorti. Qal li kien minnu dak li xehed Raymond Vella nhar d-dsatax ta' Frar 2002 li huwa ssellef minghandu mitejn lira u kien weghdu mghax ta' mitt lira, pero kien Raymond Vella li kien offrihomlu. Qal li hu qatt ma biegh xejn, kien sellifhom biss. Mistoqsi fejn kien dakinhar li sellef l-flus, ix-xhud wiegeb li nesa. Pero qal li mhux minnu li wara kien iltaqa mieghu u talbu xi

tmien mitt lira ohra. Zied jghid li mhux minnu dak li qal Raymond Vella fix-xhieda tieghu l-Qorti li hu kien qallu. Qal li mhux veru dak li qalet Jacqueline Rapinett fix-xhieda taghha tad-dsatax ta’ Frar 2002 li kien sellifha aktar minn sitt mitt lira. Qal li f’dawn il-proceduri telghu jixhdu tlett minn nies li jigu minn xulxin.

Mistoqsi jispjega l-istorja ta’ Anthony Zampa, ix-xhud qal li Ronald Mifsud kellu jaghtih xi flus u Anthony Zampa kellu jaghti lil Ronald Mifsud. Qal li Manuel Mifsud kellu jaghti xi fluf fuq biegh ta’ karozza. Qal li lil Manuel Mifsud gieli sellfu flus pero imghaxijiet qatt ma hadlu. Qal li hu kien jixtri d-dejn ta’ kulhadd. Qal li hu kien xtara wkoll d-dejn ta’ Eleno Cassar. Qal li gieli rrangalu xi karozza u wara kien jerga jdurha ghand tellar iehor. Qal li qatt ma zamm imghax ma Eleno Cassar u qatt ma mar ghandu jew heddu. Qal li Eleno Cassar tela jixhed l-Qorti erbgha darbiet u kull darba ta versjoni differenti. Qal li mhux veru dak li qal Charmel Casar li hu kien imur ghandu u jaghmel stejjer minnhekk. Qal li hu ma kienx jaf minn hu Dominic Cuschieri pero jaf li xehed fil-konfront tieghu u hu qatt ma selfu flus.

**Illi l-Qorti rat wkoll l-stqarrija irrilaxxjata mill-imputat nhar t-tmintax ta' Jannar 2001, liema stqarrija tinsab esibita fl-atti a fol 19.** Illi minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta li huwa ammetta li jislef l-flus bir-rata ta' tmienja fil-mija [8%] imghax. Huwa ammetta wkoll li kellu madwar hamsin klijent li jissellfu l-flus minn ghandu ghalkemm kien waqaf jsellef lil nies godda xi erbgha xhur qabel ma rrilaxxja din l-istqarrija. Mistoqsi jekk kellux licenzja biex jsellef l-flus, l-imputat wiegeb fin-negattiv.

Il-Prosekuzzjoni ressqet lil **Paul Vella bhala rappresentant tal-Bank Centrali jixhed u nhar t-tnax ta' Novembru 2001**, [fol 38], fejn ikkonferma li l-imputat m'ghandhux licenzja taht l-Financial Institution Act sabiex jaghmel attivitajiet ta' self ta' flus.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq l-Qorti nhar l-erbgha ta’ April 2001 u gie akkuzat principalment bir-reat kif previst fl-artikolu 3 tal-Kap 376 u cioe “*talli minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita Kompetenti, ghamel kummerc t’istituzzjoni finanzjarja f’Malta jew minn Malta minghajr licenzja mill-Awtorita Kompetenti u cioe silef flus bl-imghax lil diversi persuni*.”

Illi skond l-artikolu 2 tal-Kap 376 in vigore fiz-zmien meta l-imputat tressaq l-Qorti, d-definizzjoni ta' Istituzzjoni Finanzjarja kienet taqra hekk;

*"Istituzzjoni Finanzjarja tfisser kull persuna li x-xoghol regolari taghha jew kummerc regolari taghha huwa li twettaq:*

*a. Xi wahda mill-attivitajiet elenkati fl-iskeda li tinsab ma dan l-Att;*

*b. Kull attivita ohra hekk stabbilita mill-Ministru b'ordni pubblikat fil-Gazzetta li jemendi l-iskeda li tinsab ma dan l-Att, akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dan il-kummerc."*
Mill-ewwel ta' Ottubru 2002 id-definizzjoni giet taqra hekk:

*"Istituzzjoni Finanzjarja tfisser kull persuna li b'mod regolari jew abitwali, tikseb holdings jew twettaq xi attivita mnizzla fl-iskeda akkont u ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dik l-attivita."*

L-ewwel attivita li hemm imnizzla fl-iskeda u din l-iskeda ma nbiddlitx minn mindu giet fis-sehh l-ligi fis-sena 1994, hija dik ta' 'self' evidentement self ta' flus.

Issa, skond is-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha ta’ Novembru 2004***, fl-ismijiet **Il-Pulizija v Raymond Bajada et**, gie rilevat is-segwenti:

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn l-ewwel w it-tieni definizzjoni ta' Istituzzjoni Finanzjarja, kien hemm biss spostament ta' enfasi, filwaqt li d-definizzjoni ta' qabel l-ewwel ta' Ottubru 2002, l-enfasi kienet fuq l-fatt li l-attivita*

*ta' self ta' flus kienet tkun x-xoghol jew kummerc, jew parti mix-xoghol jew kummerc regolari ta' dak li jkun [mhux necessarjament pero ix-xoghol jew kummerc principali], filwaqt li fit-tieni definizzjoni giet spustjata ghal 'frekwenza' … regolarita jew abitwali - li biha dak li jkun issellef flus, irrispettivament minn jekk dan isirx bhala xoghol jew kummerc, jew parti mix-xoghol jew kummerc ta' dak li jkun. Dak li certament il-legislatur ma ried li jolqot sia taht l-ewwel kif wkoll taht t-tieni definizzjoni huwa, li minn jislef l-flus lil haddiehor ghax darba kultant tigih l-okkazzjoni li jaghmel hekk; il-legislatur ried ghal kuntrarju jolqot, li min jaghmel tali self b'dak l-mod u b'dik il-frekwenza, li meta tarah tghid bejnek u bejn ruhek, dan sar qisu bank! Fl-ahhar mill-ahhar ghalhekk, u fin-nuqqas ta' definizzjoni aktar preciza da parti mill-legislatur, hu rimess ghal boun sens tal-gudikant biex jara jekk dak li jkun wettaq l-imputat, jammontax ghal kummerc ta' Istituzzjoni Finanzjarja."*

Issa pero f'dan il-kaz, il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni mhiex jekk s-self kienx wiehed abitwali jew regolari, izda li s-self ma sarx ghar-riskju tal-persuna li tkun ser twettaq dik l-attivita.

Illi din il-Qorti, kif ghamlet fis-sentenza moghtija minnha stess fl-ismijiet Il-Pulizija v Mary Muscat nhar l-erbatax ta' Dicembru 2004, li minnha ma sarx appell, u sentenza ohra wkoll moghtija minn din l-istess Qorti nhar l-ghoxrin ta' Frar 2006 fl-ismijiet Il-Pulizija v Pierino Fiorini et, gharblet sew d-definizzjoni moghtija mill-ligi ghat-tifsira ta' Istituzzjoni Finanzjarja, kif deskritta fl-artikolu 2 tal-Kap 376 ta' Ilum.

Illi din d-definizzjoni ghandha zewg ipotesi:

1. li persuna tikseb *holdings* jew twettaq xi attivita mnizzla fl-iskeda b'mod regolari jew abitwali;

2. li dan isir ghar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dik l-attivita '*for account and at the risk of the person carrying out that activity*."

Illi ma hemmx dubbju li l-attivita li tahtha l-imputat huwa akkuzat hija dik imnizzla fl-iskeda u cioe 'slef' u l-fatt jekk tali self huwiex regolari jew abitwali, m'ghandux ikun il-kwistjoni ewlenija ghaliex z-zewg ipotesi msemmija aktar 'l fuq iridu jikkonkorru fl-istess waqt. Huma z-zewg elementi tar-reat li jridu jirrizultaw flimkien.

Jirrizulta li ma hemmx dubbju li l-imputat silef flus lil diversi nies anke m'imghax aktar permess mill-ligi pero ma jirrizultax li tali self qatt sar "ghar-riskju tal-persuna li kienet qed twettaq dik l-attivita."

Illi din s-sitwazzjoni prevista mill-ligi hija tali li tippotezizza sitwazzjoni <u>tripod</u> u cioe li l-persuna li qed tislef, qed tislef lil persuna ohra biex taghmel self hi. Ghalhekk, azzjoni ta' self, maghmul minn persuna wahda lil ohra ghal uzu personali taghha, ma jaqax taht d-definizzjoni ta' Istituzzjoni Finanzjarja.

Illi ma hemmx dubbju mill-provi prodotta u mix-xhieda mismugha li Raymond Vella, Jacqueline Rapniett, Anthony Zampa, Eleno Cassar, Charmaine Cassar u Dominic Cuschieri kollha ssellfu l-flus minghand l-imputat, forsi b'imghax ghaliex minn dak permess mill-ligi wkoll f'okkazzjonijiet aktar minn wahda, pero dan sar ghar-ragunijiet personali taghhom u mhux sabiex isellfu l-istess flus li setghu ssellfu minghand l-imputat, lil terzi.

Ghalhekk fil-fehma ta' din l-Qorti ma jirrizultax li l-imputat ghamel xi kummerc t'Istituzzjoni Finanzjarja f'Malta jew minn Malta minghajr l-Awtorita Kompetenti meta huwa silef xi flus lil diversi persuni b'imghax u ghalhekk l-element tal-ewwel reat ma jirrizultax ippruvat.

Dwar t-tieni akkuza, u cioe dik moghtija skond l-artikolu 22(2) tal-Kap 373, l-imputat gie akkuzat li "xjentement kien parti fl-ghemil jew ipprokura jew ghen jew hajjar l-ghemil ta' xi reat", ma hemmx dubbju, minn ezami tal-kliem tal-ligi, li din t-tieni akkuza tohrog mill-ewwel akkuza moghtija mill-prosekuzzjoni ghal min hu komplici fl-ewwel akkuza u ma tissustix bhala reat distint u separat w ghalhekk, ma

tistax tigi trattata bhala reat *ut sic*. Illi ghalhekk tali akkuza lanqas ma tirrizulta.

Ma hemmx dubbju li l-fatti specie tal-kaz illum il-gurnata jinkwadra ruhu fil-legislazzjoni ntrodotta permezz tal-Att III tas-sena 2002, resa in vigore fix-xahar ta' Mejju 2002 bl-artikolu 298c tal-Kodici Kriminali u cioe r-reat ta' uzura.

Illi pero l-imputat ma giex akkuzat b'dan r-reat u dan ghaliex ma kienx jirrizulta fiz-zmien tal-presentata tal-akkuzi odjerni w ghalhekk l-Qorti sxer tieqaf hawn dwar dan.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 3, 22(1) u 23(2) tal-Kap 376 u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddecidi li ma ssibx lil imputat NAZZARENO ZARB hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------